# Dar Manresa u l-arti tal-mewt it-tajba

Parroċċa San Publju Floriana 1844 2019 175 sena

**Kitba minn Dun Nicholas Joseph Doublet**
*Arkivista Djoċesan*

L-arti tal-mewt it-tajba: dan hu li ispira il-fundaturi biex iwaqqfu dar tal-eżerċizzi fil-Furjana. Biex wieħed jifhem għaliex dan, wieħed irid iqiegħed lilu innifsu fil-mentalità ta' tradizzjoni li testendi mill-medjuevu sal-epoka moderna, fil-perspettiva ta' dinja fejn il-ħajja kienet iqsar, il-fraġilità tagħha evidenti u l-mewt realtà viżibbli u konkreta. Il-Ġiżwiti, il-fundaturi ta' din id-dar, sa mit-twaqqif tagħhom ingħataw għall-ministeru ta' pastorali lill-morda u l-moribondi. Dan kien meqjus ministeru tal-ikbar importanza, ispirat mill-kliem Evanġeliku – "X'jiswielu l-bniedem li jirbaħ id-dinja kollha, imbagħad jitlef ruħu". Injazju innifsu fit-test tal-Eżerċizzi Spiritwali jistieden l-eżerċitant biex jikkontempla d-deċiżjonijiet tiegħu mill-perspettiva tas-sodda tal-mewt.

Għalhekk kien neċessarju li jitwaqqfu djar tal-irtiri, li fihom wieħed imur biex jipprepara wkoll għall-mewt it-tajba. Ftit passi bogħod mill-Belt Valletta, belt eleganti u Barokka nistgħu ngħidu, metropoli għal żmienha, minħabba il-preżenza tal-Kavallieri u n-nies li attiraw, il-Ġiżwiti ħassew il-bżonn li jipprovdu fix-xagħra tal-Furjana, f'post li kien għadu ftit jew wisq diżabitat, post ideali għar-riflessjoni fuq dak li verament jiswa. Lil hinn mill-ġid temporali li tiegħu il-belt kienet mera, il-Ġiżwiti xtaqu jipprovdu post fejn nies minn kull saff tas-soċjetà, setgħu jirtiraw u jirriflettu fuq il-ħajja eterna. Li dan kien fil-moħħ tal-fundatur ta' Dar Ommna Marija ta' Manresa, Padre Pier Francesco Rosignoli (1691-1775), huwa evidenti mill-istess ċiklu ikonografiku li jintgħażel għall-knisja li tifforma l-qalba ta' dan il-kumpless.

Ittellgħet bejn l-1743 u l-1751, fuq art mixtrija mill-bejgħ ta' dar li l-Balliju Giovanni Battista Spinola kien ħalla lill-Ġiżwiti biex fiha jsiru l-eżerċizzi. Huwa bini li jirrifletti l-kobor tal-idjoma arkitettonika ta' żmienu, Barokk li kien




laħaq l-ogħla espressjoni tiegħu, u issa kien żviluppa fi stil aktar elaborat, imsejjaħ Roccoco. Fuq il-faċċata ġiet skolpita ix-xbieha tal-patruna tal-post, il-Verġni Marija bil-Bambin f'idejha, filwaqt li teżorta lill-eżerċitanti huma u deħlin, bil-kliem mis-Salm 33 *Venite filii audite me*– Ejjew uliedi, isimgħu lili. Jakkumpanjaw din ix-xbieha, il-figuri ta' San Ġwann Battista u ta' San Pawl[1]. Diġà mill-faċċata, l-għażla ikonografika tgħaqqad flimkien l-Ordni ta' San Ġwann u l-poplu Malti, permezz tal-patruni tagħhom. Dan kien post miftuħ għal kulħadd. Dan l-aspett ikonografiku, li jibda mill-faċċata, joħroġ mill-ġdid kemm fil-knisja, kif ukoll fiċ-ċiklu pittoriku li jżejjen ir-refettorju.

Dan kien post għalhekk fejn wieħed jirrifletti fuq l-eternità. L-eżerċizzi kellhom iservu sabiex wieħed jagħmel għażliet favur din l-għażla fundamental għal Alla. Jidħol għalhekk b'mod sħiħ fit-tradizzjoni tal-arti tal-mewt it-tajba. Il-mument tal-mewt, mument okulari li jiddefinixxi l-ħajja tal-bniedem, kellu jiġi ppreparat sew. Tradizzjoni li tiżviluppa permezz ta' kotba bħal ta' Jean Gerson, *Opusculum tripartitum* (1404), li kien jinkludi riflessjoini fuq *de*

[1] [Pier Francesco ROSIGNOLI], *Relazione della Pia Casa Eretta in Malta per gli Esercizzi Spirituali di S. Ignazio Lojola sotto titolo della Madonna di Manresa [...]*, Napoli 1753.

*scientia mortis*, *Ars Moriendi* (1514), *Erasmus De praeparatione ad mortem* (1534). U b'mod partikular għall-każ tagħna, ix-xogħol ta' Pietru Canisius, *De consolandis aegrotis* (1554)[2]. Ċertament Canisius kiteb l-introduzzjoni għalih, u għalkemm mhux ċert jekk huwiex l-awtur, żgur li jesprimi l-ħsibijiet tiegħu fuq is-suġġett. Jiġbor fih tliet omeliji indirizzati għall-persuna li qed tmut, u għalhekk għall-ministeru ta' konsolazzjoni.



Wieħed jista' jistaqsi, kif jgħaqqad dan kollu ma' Dar Manresa? It-tweġiba hija evidenti kif wieħed jidħol fil-knisja. It-titular jirrifletti l-iskop li għalih twaqqfet, dar għall-irtir, u għalhekk fiċ-ċentru hemm impittra l-esperjenza ta' Injazju jikteb l-eżerċizzi taħt it-tmexxija ta' Marija. Minn hemm, il-pittur Franċiż Antoine Favraj (1706-1798), li tiegħu hu ċ-ċiklu pittoriku li jżejjen din il-knisja, ġie mitlub ipitter ċiklu li jqiegħed quddiem l-eżerċitanti r-raġuni tal-preżenza tagħhom hemm. Il-mewt kienet xi ħaġa serja, is-siegħa tagħha inċerta, u għalhekk kienu hemm biex jippreparaw għaliha. Dan ix-xogħol bdieh fl-1748. Għalhekk wara li fuq ix-xellug, l-ewwel altar iqiegħed quddiemhom it-testimonjanza tal-patruni tal-Ordni u ta' Malta, li t-tnejn bħalhom għamlu esperjenza ta' deżert u ta' preparazzjoni għall-ministeru għas-servizz tas-saltna, fuq il-lemin, iċ-ċiklu jkompli permezz tal-mewt ta' San Ġużepp. Din hi l-ikonografija tal-mewt it-tajba per eċċellenza, għax il-moribond huwa assistit minn Ġesù u minn Marija. Mill-ġdid fuq ix-xellug, l-artal li jmiss juri l-mewt ta' San Franġisku Saverju, li ta ħajtu għax-xandir tal-Vanġelu, patrun hu wkoll, flimkien ma' San Ġużepp, tal-mewt it-tajba. Faċċata, iċ-ċiklu jilħaq l-iskop tiegħu, permezz tar-ruħ lil tittella' mill-purgatorju. Għalhekk diġà l-eżerċitant sempliċiment billi jidħol fil-Knisja ta' din id-dar, quddiemu tinfetaħ meditazzjoni fuq l-iskop tal-irtir tiegħu. Kif jerfa' għajnejh 'il fuq, jara l-azzjoni li għandu bżonn jieħu; bħal Injazju impitter fil-mument tal-konverżjoni fuq is-sodda tal-mard tiegħu u fuq in-naħa l-oħra, fejn l-artist pitter lil-Injazju jbigħ il-ħwejjeġ lussużi tiegħu. Il-bżonn li bħall-qaddis jieħu azzjoni konkreta billi jinqata' minn dak kollu li jorbtu mal-pjaċir tad-dinja. Kif l-eżerċitant jerfa' għajnejh 'il fuq jilmaħ ix-xbieha tal-Missier etern, li tfakkru fl-iskop tal-ħajja tiegħu, li għalih kien qed jipprepara f'dan il-post, liema pittura tagħlaq iċ-ċiklu pittoriku tal-Knisja.

Dan kollu jiżviluppa fl-ispirtu ta' dak li nqisuh bħala żmien ta' riforma fil-Knisja Kattolika. Il-Ġiżwiti kienu wieħed mill-muturi ta' din ir-riforma, li f'risposta lejn l-ereżija Protestanta, ġabet fil-knisja żmien ta' fjoritura li jestendi fuq numru ta' sekli. L-arti, dak li jiġi msejjaħ it-Teatru Sagru Barrokk, tintuża b'mod eċċellenti mill-Ġiżwiti bħala strument ta' formazzjoni tal-poplu. Il-kumpless ta' Dar Manresa jirrifletti dan kollu. Kollox kellu għan wieħed; li jeleva r-ruħ lejn Alla. Dan narawh mhux biss fl-arti tal-Knisja, imma wkoll fil-mod kif jiġi mpitter ir-refettorju, li jista' jiġi meqjus ġawhra fost l-ispazji dekorati ta' pajjiżna. Ġie mpittier fl-1762[3], fi żmien it-tieni Direttur tad-Dar, Padre Domenico Calvi, minn artist x'aktarx itineranti Sqalli, li sa issa ma nafu xejn fuqu, għajr ismu, [Pasquale] Leonetti, li ħalla miktub fuq is-saqaf. Ir-refettorju tpitter bl-għan li jżomm l-eżerċitant fi spirtu ta' meditazzjoni anke waqt l-ikel. Injazju jagħmel enfasi fuq l-użu tas-sensi waqt it-talb. Għalhekk hawn l-eżerċitant jitlob, mhux biss permezz tas-smigħ ta' testi sagri li kienu jinqraw waqt l-ikla, imma wkoll b'għajnejh, waqt li jħares madwaru lejn il-pitturi li jiksu dan ir-refttorju. Hawn ġew impittra xeni mill-iskrittura mqaddsa li fihom jissemma l-ikel, u kull xena ġiet marbuta ma' tip ta' ikel partikulari. Kull xena hi akkumpanjata mill-iskrizzjoni biblika li tispiraha. Kollox jagħlaq fuq naħa, bix-xena ta' Pawlu mill-Atti, nawfragat fuq

[2] Hilmar M. Pabel, *Fear and Consolation. Peter Canisius and the spirituality of dying and death*, in *Studies in the Spirituality of Jesuits* 45/1 (2013) 1-32.

[3] Emmanuel Fiorentino, *At the Curia. The Mural in the Old Refectory*, in Treasures of Malta 6/2 (2000) 79-83.



ġżiritna, milqugħ minn Publiju, u fuq in-naħa l-oħra bit-trijonf tal-Ħaruf ta' Alla.

Sabiex jikkompletaw il-proġett tagħħhom, il-Ġiżwiti ġabu minn Ruma korp sant ta' qaddis, li jsejħulu San Kalċidonju. Mill-katakombi Rumani, dawn il-korpi santi ġew mifruxa fil-knejjes tal-Ewropa kollha. Jidħlu fil-programm tar-riforma Kattolika, billi jsaħħu il-kult tal-qaddissin. Jiżviluppa kult sħiħ lejn dan il-preżunt martri, tant li saħansitra jagħti l-isem li bih il-post hu magħruf popolarment. Hekk l-iskop tal-post jilħaq il-qofol tiegħu, billi jiġbor lill-pellegrini għall-esperjenza profonda ta' talb li hu l-irtir Injazjan, sabiex fejn waslu l-qaddissin, jasal l-eżerċitant ukoll.

*nicholas.doublet@maltadiocese.org*




PL Floriana Caffe – Bar

Prop:Keith Attard

Mob: 98898988

Jawgura l-Festa t-Tajjeb lil kulħadd



